MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-1 ta' Mejju, 2003

Numru. 376/2003

Il-Pulizija
(Spettur Kevin J Farrugia)
vs
Eliot Paul Busuttil

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Eliot Paul Busuttil, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 106084(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f’April gewwa H’Attard u f’inhawi ohra f’dawn il-gzejjer :

1. Ikkommetta serq ta’ accessorji tal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni HAH357, ghad-dannu ta’ Raymond Caruana, liema serq hu ikkwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, liema serq huwa anqas minn mitt lira, u dan ai termini tal-Artikoli 261, 270 u 271(g);
2. U aktar talli f’dawn il-gzejjer f’dawn l-ahhar xhur, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa,

mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti, ai termini tal-Artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta'
3. volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' Raymond Caruana, liema hsara ma teccedix il-hames mitt lira Maltin, imma tkun izjed minn LM50 u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni tal-imputat, minkejja l-fatt illi l-Qorti wissietu bil-konsegwenzi ta' l-ammissjoni tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jirtira l-ammissjoni tieghu;

Issibu hati tal-akkuzi kollha hlief ghat-tieni akkuza, peress illi r-reat ta' serq jeskludi r-reat ta' ricettazzjoni;

Rat l-Artikoli 261(f), 261 (g), 270, 281, 17, 20, 325(b), 370(4), 390(1), 392 u 392A tal-Kap. 9;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara illi l-hati ikkopera matul l-investigazzjoni, irritorna r-refurtiva u ghandu fedina penali relattivament netta, ghalhekk il-Qorti ma tqisx illi piena karcerarja hija idoneja ghall-akkadut u wara li rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446, filwaqt illi qeghda tilliberah taghmel dan bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum. Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi spjegat lill-hati bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi ghal din is-sentenza. Il-Qorti a tenur tal-Artikolu 392A tal-Kap. 9, tordna illi l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali kif provdut fl-Artikolu 401(3) tal-Kap. 9.

--------------------------------TMIEM--------------------------------